REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 251/2009

ta' 11 Marzu 2009

li jimplimenta u jemenda r-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-serje ta' dejta li għandha tiġi prodotta għall-istatistiċi strutturali tal-kummerċ u l-adattamenti meħtieġa wara l-klassifikazzjoni ta' statistika tal-prodotti assoċjati ma' l-attività (CPA)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2)(b) u (e) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 58/97 ([2]) stabbilixxa qafas komuni għall-produzzjoni ta' l-istatistiċi Komunitarji dwar l-istruttura, l-attività, il-kompetittività u r-rendiment tan-negozji fil-Komunità. Għal raġunijiet ta' ċarezza u ta' razzjonalizzazzjoni, dak ir-Regolament ġie riformulat, b'emendi sostanzjali għal diversi dispożizzjonijiet.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2701/98 tas-17 ta' Diċembru 1998 dwar is-serje ta' dejta li trid tiġi ppreżentata għall-istatistiki strutturali tal-kummerċ ([3]) irid jiġi mmodifikat sabiex jitqiesu dawk l-emendi. Minħabba kwistjonijiet ta' ċarezza, għandu jkun sostitwit minn dan ir-Regolament.

(3) Jeħtieġ li tiġi speċifikata l-frekwenza tal-kompilazzjoni ta' l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ multiannwali u l-analiżi tar-riżultati għall-produzzjoni ta' statistiċi strutturali tal-kummerċ sabiex tkun prodotta dejta paragunabbli u armonizzata bejn l-Istati Membri.

(4) Huwa meħtieġ li jiġu adattati ċerti titli tal-karatteristiċi ta' l-Anness°V wara r-reviżjoni tal-klassifika ta' l-istatistika ta' prodotti bl-attività (KPA).

(5) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Programm Statistiku,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Frekwenza tal-kompilazzjoni ta' l-istatistiċi multiannwali u ta' l-analiżi tar-riżultati li jissemmew fl-Artikoli 3 u 7 tar-Regolament (KE) 295/2008 għandhom ikunu kif ġie speċifikat fis-serje ta' dejta stabbiliti fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

L-Istati Membri għandhom jipproduċu dawn is-serje ta' dejta għas-sena ta' referenza 2008 u għas-snin sussegwenti.

Artikolu 2

B'dan qed jiġi rrevokat ir-Regolament (KE) Nru 2701/98.

Madankollu, għandu jkompli japplika rigward is-serje ta' dejta li għandhom jiġu trażmessi għas-snin ta' referenza sa u li jinkludu l-2007.

Artikolu 3

Anness V għar-Regolament Nru° 295/2008 hu emendat kif speċifikat fl-Anness II għal dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 11 ta' Marzu 2009

Għall-Kummissjoni

Joaquín ALMUNIA

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 97, 9.4.2008, p. 13-59.
([2]) ĠU L 14, 17.1.1997, p. 1.
([3]) ĠU L 344, 18.12.1998, p. 81.

ANNESS I

IS-SERJE TA' DEJTA

1. SERVIZZI

Tabella sommarju

Kodiċi tas-serje	Titolu
1A	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għas-servizzi
1B	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs għas-servizzi
1C	Statistiċi annwali reġjonali għas-servizzi
1D	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-banek ċentrali
1E	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għal aggregati speċjali ta' attivitajiet
1P	Riżultati preliminari annwali għas-servizzi

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għas-servizzi elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 1A

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għas-servizzi
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet H sa J u L sa N u diviżjoni 95
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 3 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristika fil-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 12 11 0 Fatturat 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 12 17 0 Bilanċ favorevoli gross operattiv 13 11 0 Xiri totali ta' oġġetti u servizzi 13 12 0 Xiri ta' oġġetti u servizzi biex jerġgħu jinbiegħu fl-istess kundizzjoni kif ġew riċevuti 13 13 1 Pagamenti għall-ħaddiema ta' l-aġenziji 13 31 0 Spejjeż tal-persunal 13 32 0 Pagi u salarji 13 33 0 Spejjeż tas-sigurtà soċjali 15 11 0 Investiment gross f'beni tanġibbli 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati ([1]) 16 13 0 Numru ta' impjegati ([1]) 16 14 0 Numru ta' impjegati f'ekwivalenti *full-time*
Analiżi statistika tal-livell ta' attività	NACE Rev.2 livell b'4 numri (klassijiet) NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsimiet)

([1]) Il-karatteristika 16 12 0 Numru ta' persuni mhux imħallsin impjegati tista' tiġi trażmessa mill-Awtoritajiet li qed jagħmlu r-rapport. Jekk ma tkunx ipprovduta, se tiġi kkalkulata bħala d-differenza bejn il-valuri pprovduti għall-varjabbli 16 11 0 u 16 13 0. Id-dejta se titqies bħala kunfidenzjali jekk jew 16 11 0 jew 16 13 0 jew it-tnejn ikunu kunfidenzjali.

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs għas-servizzi elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness I għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 1B

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs għas-servizzi
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali

Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet H sa J u L sa N u diviżjoni 95
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 3 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi fil-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 12 11 0 Fatturat 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)
Livell ta' analiżi tal-klassifika tad-daqs	Numru ta' persuni impjegati: 0-1, 2-9, 10-19, 20-49, 50-249, 250+, total

Statistiċi annwali reġjonali għas-servizzi elenkati fil-paragrafi 3 u 5 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness I għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 1C

Isem is-serje	Statistiċi annwali reġjonali għas-servizzi
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet H sa J u L sa N u diviżjoni 95
Karatteristiċi	Karatteristika fil-paragrafu 3 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 11 21 0 Numru ta' unitajiet lokali Karatteristiċi fil-paragrafu 5 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 13 32 0 Pagi u salarji 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsimiet)
Livell ta' analiżi reġjonali	NUTS 2, NUTS1, NUTS0.

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-banek ċentrali elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness I għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) No 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 1D

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-bank ċentrali
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 klassi 64.11
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 3 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi fil-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 12 17 0 Bilanċ favorevoli gross operattiv 13 11 0 Xiri totali ta' oġġetti u servizzi 13 13 1 Pagamenti għall-ħaddiema ta' l-aġenziji 13 31 0 Spejjeż tal-persunal 13 32 0 Pagi u salarji 13 33 0 Spejjeż tas-sigurtà soċjali 15 11 0 Investiment gross f'beni tanġibbli 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati 16 13 0 Numru ta' impjegati 16 14 0 Numru ta' impjegati f'ekwivalenti *full-time*
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'4 numri (klassi)

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għal aggregati speċjali ta' attivitajiet elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 1E

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għal aggregati speċjali ta' attivitajiet
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	Aggregati speċjali
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 3 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi fil-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness I: 12 11 0 Fatturat 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 12 17 0 Bilanċ favorevoli gross operattiv 13 11 0 Xiri totali ta' oġġetti u servizzi 13 12 0 Xiri ta' oġġetti u servizzi biex jerġgħu jinbiegħu fl-istess kundizzjoni kif ġew riċevuti 13 13 1 Pagamenti għall-ħaddiema ta' l-aġenziji 13 31 0 Spejjeż tal-persunal 13 32 0 Pagi u salarji 13 33 0 Spejjeż tas-sigurtà soċjali 15 11 0 Investiment gross f'beni tanġibbli 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati ([1]) 16 13 0 Numru ta' impjegati ([1]) 16 14 0 Numru ta' impjegati f'ekwivalenti *full-time*
Livell ta' analiżi ta' l-attività	**Aggregati speċjali** B_TO_N_X_K Ekonomija totali tan-negozji għajr l-attivitajiet finanzjarji u ta' l-assigurazzjoni ICTT Totali ta' l-ICT (NACE Rev.2: 26.1+26.2+26.3+26.4+26.8+95.1+46.5 +58.2+61+62+63.1) ICTM Manifattura ta' l-ICT (NACE Rev.2: 26.1+26.2+26.3+26.4+26.8) ICTS Servizzi ta' l-ICT (NACE Rev.2: 95.1+46.5+58.2+61+62+63.1) HIT Manifattura ta' teknoloġija għolja (NACE Rev.2 21+26+30.3+32.5)) MHT Manifattura ta' teknoloġija medja-għolja (NACE Rev.2 20+25.4+27+28 +29+30-30.3+33) MLT Manifattura ta' teknoloġija medja-baxxa (NACE Rev.2 19+22+23+24 +25-25.4) LOT Manifattura ta' teknoloġija baxxa NACE Rev. 10+11+12+13+14+15 +16+17+18+31+32-32.5) INF Is-settur ta' l-informazzjoni (NACE Rev.2 58.1+59.1+59.2+60+63.9) HITS Servizzi ta' teknoloġija għolja (NACE Rev.2 53+58+60+61+62+63 +72) KWNMS Servizzi tas-suq intensivi fl-għarfien (NACE Rev.2 50+51+68+69+70 +71+73+74+77+78+80+81+82) CRA Servizzi relatati mal-kompjuter (NACE Rev.2 58.2+62+63.1)

([1]) Il-karatteristika 16 12 0 Numru ta' persuni mhux imħallsin impjegati tista' tiġi trażmessa mill-Awtoritajiet li qed jagħmlu r-rapport. Jekk ma tkunx ipprovduta, se tiġi kkalkulata bħala d-differenza bejn il-valuri pprovduti għall-varjabbli 16 11 0 u 16 13 0. Id-dejta se titqies bħala kunfidenzjali jekk jew 16 11 0 jew 16 13 0 jew it-tnejn ikunu kunfidenzjali.

Riżultati annwali preliminari għas-servizzi elenkati fit-Taqsima 8 ta' l-Anness I għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar statistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 1P

Isem is-serje	Riżultati preliminari annwali għas-servizzi
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet H sa J u L sa N u diviżjoni 95
Karatteristiċi	Karatteristiċi tat-taqsima 8 ta' l-Anness I: 12 11 0 Fatturat 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)

Ir-riżultati preliminari għandhom jiġu trażmessi fi żmien 10 xhur minn tmiem is-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza.

2. L-INDUSTRIJA

Tabella sommarju

Kodiċi tas-serje	Titolu
2A	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-industrija
2B	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs għall-industrija
2C	Statistiċi annwali reġjonali għall-industrija
2D	Statistiċi annwali KAU għall-industrija
2E	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Investiment intanġibbli għall-industrija
2F	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – L-għoti ta' sottokuntratti għall-industrija
2G	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Analiżi tal-fatturat għall-industrija
2H	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali mqassama skond l-oqsma ambjentali għall-industrija
2I	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali mqassama skond il-klassifiki tad-daqs (in-numru ta' persuni impjegati) għall-industrija
2J	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali mqassama skond l-oqsma ambjentali għall-industrija
2K	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali mqassama skond il-klassifiki tad-daqs (in-numru ta' persuni impjegati) għall-industrija
2P	Riżultati preliminari annwali għall-industrija

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-industrija elenkati fil-paragrafi 2 u 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2A

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E
Karatteristiċi	Karatteristiċi tal-paragrafu 2 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi fil-paragrafu 3 tat-taqsima 4 ta' l-Anness Ii: 12 11 0 Fatturat 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 12 13 0 Marġni gross fuq l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 12 17 0 Bilanċ favorevoli gross operattiv 13 11 0 Xiri totali ta' oġġetti u servizzi 13 12 0 Xiri ta' oġġetti u servizzi biex jerġgħu jinbiegħu fl-istess kundizzjoni kif ġew riċevuti 13 13 1 Pagamenti għall-ħaddiema ta' l-aġenziji 13 21 3 Bidla fil-ħażniet ta' prodotti kompluti u xogħol li jkun għadu għaddej manifatturat bl-unità 13 31 0 Spejjeż tal-persunal 13 32 0 Pagi u salarji 13 33 0 Spejjeż tas-sigurtà soċjali 13 41 1 Pagamenti għal kirjiet fit-tul u għal *leasing* operattiv ta' oġġetti 15 11 0 Investiment gross f'beni tanġibbli 15 12 0 Investiment gross fl-art 15 13 0 Investiment gross f'bini u fi strutturi eżistenti 15 14 0 Investiment gross fil-kostruzzjoni u fl-alterazzjoni tal-bini 15 15 0 Investiment gross f'makkinarju u f'tagħmir 15 21 0 Bejgħ ta' beni tanġibbli bħala investiment 16 11 0 Numru ta': persuni impjegati ([1]) 16 13 0 Numru ta' impjegati ([1]) 16 14 0 Numru ta' impjegati f'unitajiet ekwivalenti *full-time* 16 15 0 Numru ta' sigħat maħduma mill-impjegati 18 11 0 Fatturat mill-attività ewlenija fuq il-livell NACE Rev.2 bi tliet numri 20 11 0 Xiri ta' prodotti ta' l-enerġija (NACE Rev.2 Taqsimiet D u E għajr)

Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Grupp) għall-karatteristika 18 11 0 NACE Rev.2 livell b'4 numri (klassi), NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Grupp), NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjoni), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsima) għall-karatteristiċi l-oħra kollha

(1) Il-karatteristika 16 12 0 Numru ta' persuni mhux imħallsin impjegati tista' tiġi trażmessa mill-Awtoritajiet li qed jagħmlu r-rapport. Jekk ma tkunx ipprovduta, se tiġi kkalkulata bħala d-differenza bejn il-valuri pprovduti għall-varjabbli 16 11 0 u 16 13 0. Id-dejta se titqies bħala kunfidenzjali jekk jew 16 11 0 jew 16 13 0 jew it-tnejn ikunu kunfidenzjali.

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi mqassma skond il-klassifika tad-daqs għall-industrija elenkati fil-paragrafi 2 u 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2B

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi mqassma skond il-klassifika tad-daqs għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E
Karatteristiċi	Karatteristika fil-paragrafu 2 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II: 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi fil-paragrafu 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II: 12 11 0 Fatturat 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 12 17 0 Bilanċ favorevoli gross operattiv 13 11 0 Xiri totali ta' oġġetti u servizzi 13 31 0 Spejjeż tal-persunal 13 32 0 Pagi u salarji 13 33 0 Spejjeż tas-sigurtà soċjali 16 11 0 Numru ta': persuni impjegati 16 13 0 Numru ta' impjegati 16 15 0 Numru ta' sigħat maħduma mill-impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi), NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)
Livell ta' analiżi tal-klassifika tad-daqs	Numru ta' persuni impjegati: 0-9, 10-19, 20-49, 50-249, 250+, total

Statistiċi annwali reġjonali għall-industrija elenkati fil-paragrafi 2 u 5 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2C

Isem is-serje	Statistiċi annwali reġjonali għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 2 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II: 11 21 0 Numru ta' unitajiet lokali Karatteristiċi fil-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 13 32 0 Pagi u salarji 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)
Livell ta' analiżi reġjonali	NUTS2, NUTS1, NUTS0.

Statistiċi annwali KAU għall-industrija elenkati fil-paragrafi 2 u 6 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2D

Isem is-serje	Statistiċi annwali KAU għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 2 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 11 31 0 Numru ta' unitajiet ta' tip ta' attività Karatteristiċi fil-paragrafu 6 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II: 12 11 0 Fatturat 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 13 32 0 Pagi u salarji 15 11 0 Investiment gross f'beni tanġibbli 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'4 numri (Klassijiet), NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi), NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsimiet)

Statistiċi multiannwali ta' investiment intanġibbli għall-industrija elenkati fil-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2E

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Statistiċi ta' investiment intanġibbli għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2009 għall-karatteristiċi 15 42 0 u 15 44 1
Frekwenza	Kull 3 snin
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E
Karatteristiċi	Karatteristiċi tal-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 15 42 0 Investiment gross f'konċessjonijiet, brevetti, liċenzji u trejdmarks u drittijiet simili 15 44 1 Investiment f'softwer mixtri
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'4 numri (Klassijiet), NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi), NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)

Statistiċi multiannwali għall-għoti ta' sottokuntratti għall-industrija elenkati fil-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2F

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Statistiċi għall-għoti ta' sottokuntratti għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008 għall-karatteristika 23 11 0
Frekwenza	Kull 3 snin
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 23 11 0 Pagamenti lil sottokuntratturi
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'4 numri (Klassijiet), NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi), NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)

Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar l-analiżi tal-fatturat għall-industrija elenkati fil-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2G

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' attività għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Kull 5 snin
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E
Karatteristiċi	Karatteristiċi tal-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 18 12 0 Fatturat minn attivitajiet industrijali 18 15 0 Fatturat minn attivitajiet ta' servizz 18 16 0 Fatturat minn attivitajiet kummerċjali ta' xiri u bejgħ mill-ġdid u minn attivitajiet intermedji
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Gruppi), NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali skond l-oqsma ambjentali għall-industrija elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2H

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali skond l-oqsma ambjentali għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2, taqsimiet B-E (għajr NACE Rev.2 diviżjonijiet 37, 38 u 39)
Karatteristiċi	Karatteristiċi fil-paragrafu 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II: 21 11 0 Investiment f'tagħmir u f'impjant għall-kontroll tat-tniġġiż, u aċċessorji speċjali kontra t-tniġġiż (prinċipalment tagħmir *end-of-pipe* jiġifieri għall-aħjar stadji tal-proċess) 21 12 0 Investiment f'tagħmir u f'impjant konnessi ma' teknoloġija aktar nadifa ("teknoloġija integrata")
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsimiet)
Livell ta' analiżi skond il-qasam ambjentali	Ħarsien ta' l-arja ambjentali u tal-klima, Ġestjoni ta' l-ilma tad-drenaġġ, Ġestjoni ta' l-iskart, Attivitajiet oħrajn ta' ħarsien ambjentali, total.

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali skond il-klassifiki tad-daqs tan-numru ta' persuni impjegati għall-industrija elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2I

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali mqassma skond il-klassifiki tad-daqs tan-numru ta' persuni impjegati għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2, taqsimiet B-E (għajr NACE Rev.2 diviżjonijiet 37, 38 u 39)
Karatteristiċi	Karatteristiċi fil-paragrafu 3 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 21 11 0 Investiment f'tagħmir u f'impjant għall-kontroll tat-tniġġiż, u aċċessorji speċjali kontra t-tniġġiż (prinċipalment tagħmir *end-of-pipe*, jiġifieri għall-aħjar stadji tal-proċess) 21 12 0 Investiment f'tagħmir u f'impjant konnessi ma' teknoloġija aktar nadifa ("teknoloġija integrata")

Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsimiet)
Livell ta' analiżi tal-klassifika tad-daqs	Numru ta' persuni impjegati: 0-49, 50-249, 250+, total

Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali skond l-oqsma ambjentali għall-industrija elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2J

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali skond l-oqsma ambjentali għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2010
Frekwenza	Kull 3 snin
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2, taqsimiet B-E (għajr NACE Rev.2 diviżjonijiet 37, 38 u 39)
Karatteristiċi	Karatteristika fil-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness: 21 14 0 Spiża totali attwali fuq il-ħarsien ambjentali
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsimiet)
Livell ta' analiżi skond il-qasam ambjentali	Ħarsien ta' l-arja ambjentali u tal-klima, Ġestjoni ta' l-ilma tad-drenaġġ, Ġestjoni ta' l-iskart, Attivitajiet oħrajn ta' ħarsien ambjentali, total.

Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali skond il-klassifiki tad-daqs tan-numru ta' persuni impjegati għall-industrija elenkati fil-paragrafi 3 u 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2K

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar in-nefqa għall-ħarsien ambjentali mqassma skond il-klassifiki tad-daqs tan-numru ta' persuni impjegati għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2010
Frekwenza	Kull 3 snin
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2, taqsimiet B-E (għajr NACE Rev.2 diviżjonijiet 37, 38 u 39)
Karatteristiċi	Karatteristika fil-paragrafu 4 tat-taqsima 4 ta' l-Anness II: 21 14 0 Spiża totali attwali fuq il-ħarsien ambjentali
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (taqsimiet)
Livell ta' analiżi tal-klassifika tad-daqs	Numru ta' persuni impjegati: 0-49, 50-249, 250+, total

Riżultati annwali preliminari għall-industrija elenkati fit-Taqsima 8 ta' l-Anness II għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 2P

Isem is-serje	Riżultati preliminari annwali għall-industrija
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsimiet B-E

Karatteristiċi	Karatteristiċi tat-taqsima 8 ta' l-Anness II: 11 11 0 Numru ta' intrapriżi 12 11 0 Fatturat 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 13 11 0 Xiri totali ta' oġġetti u servizzi 13 32 0 Pagi u salarji 15 11 0 Investiment gross f'beni tanġibbli 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev.2 livell bi 3 numri (Grupp), NACE Rev.2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet), NACE Rev.2 livell b'numru 1 (Taqsimiet)

Ir-riżultati preliminari għandhom jiġu trażmessi fi żmien 10 xhur mit-tmiem tas-sena kalendarja tal-perjodu ta' referenza.

3. IL-KUMMERĊ DISTRIBUTTIV

Tabella sommarju

Kodiċi tas-serje	Titolu
3A	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-kummerċ distributtiv
3B	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs ta' l-impjieg għall-kummerċ distributtiv
3C	Statistiċi annwali reġjonali għagħall-kummerċ distributtiv
3D	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs tal-fatturat għall-kummerċ distributtiv
3E	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut u għat-tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
3F	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-ingrossa
3G	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-imnut
3H	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' attività għan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut u għat-tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi
3I	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' attività għan-negozju bl-ingrossa
3J	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' attività u n-numru ta' ħwienet tal-bejgħ bl-imnut għan-negozju bl-imnut
3K	Statistiċi multiannwali reġjonali għall-kummerċ distributtiv
3P	Riżultati preliminari annwali għall-kummerċ distributtiv

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-kummerċ distributtiv elenkati fil-paragrafi 2 u 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3A

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi għall-kummerċ distributtiv
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsima G
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 2 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi tal-paragrafu 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 12 11 0 Fatturat 12 12 0 Valur tal-produzzjoni 12 13 0 Marġni gross fuq l-oġġetti għall-bejgħ mill-ġdid 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 12 17 0 Bilanċ favorevoli gross operattiv 13 11 0 Xiri totali ta' oġġetti u servizzi 13 12 0 Xiri ta' oġġetti u servizzi biex jerġgħu jinbiegħu fl-istess kundizzjoni kif ġew riċevuti 13 13 1 Pagamenti għall-ħaddiema ta' l-aġenziji 13 21 0 Bidla fil-ħażniet ta' l-oġġetti u tas-servizzi 13 21 1 Bidla fil-ħażniet ta' l-oġġetti u tas-servizzi mixtrija għall-bejgħ mill-ġdid fl-istess kundizzjoni kif ġew riċevuti 13 31 0 Spejjeż tal-persunal 13 32 0 Pagi u salarji 13 33 0 Spejjeż tas-sigurtà soċjali

	15 11 0 Investiment gross f'beni tanġibbli 15 12 0 Investiment gross fl-art 15 13 0 Investiment gross f'bini u fi strutturi eżistenti 15 14 0 Investiment gross fil-kostruzzjoni u fl-alterazzjoni tal-bini 15 15 0 Investiment gross f'makkinarju u f'tagħmir 15 21 0 Bejgħ ta' beni tanġibbli bħala investiment 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati ([1]) 16 13 0 Numru ta' impjegati ([1]) 16 14 0 Numru ta' impjegati f'ekwivalenti *full-time*
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev. 2 livell b'4 numri (Klassijiet) NACE Rev. 2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev. 2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)

([1]) Il-karatteristika 16 12 0 Numru ta' persuni mhux imħallsin impjegati tista' tiġi trażmessa mill-Awtoritajiet li qed jagħmlu r-rapport. Jekk ma tkunx ipprovduta, se tiġi kkalkulata bħala d-differenza bejn il-valuri pprovduti għall-varjabbli 16 11 0 u 16 13 0. Id-dejta se titqies bħala kunfidenzjali jekk jew 16 11 0 jew 16 13 0 jew it-tnejn ikunu kunfidenzjali.

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi mqassma skond il-klassifika tad-daqs ta' l-impjiegi għall-kummerċ distributtiv elenkati fil-paragrafi 2 u 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3B

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs ta' l-impjiegi għall-kummerċ distributtiv
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsima G
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 2 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi tal-paragrafu 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 12 11 0 Fatturat 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev. 2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev. 2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)
Livell ta' analiżi tal-klassifika tad-daqs	Numru ta' persuni impjegati: 0-1, 2-9, 10-19, 20-49, 50-249, 250+, total

Statistiċi annwali reġjonali għall-kummerċ distributtiv elenkati fil-paragrafi 2 u 5 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3C

Isem is-serje	Statistiċi annwali reġjonali għall-kummerċ distributtiv
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsima G
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 2 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 11 21 0 Numru ta' unitajiet lokali Karatteristiċi tal-paragrafu 5 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 13 32 0 Pagi u salarji 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev. 2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev. 2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)
Livell ta' analiżi reġjonali	NUTS 2 NUTS 1 NUTS 0

Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi mqassma skond il-klassifika tad-daqs tal-fatturat għall-kummerċ distributtiv elenkati fil-paragrafi 2 u 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3D

Isem is-serje	Statistiċi annwali ta' l-intrapriżi skond il-klassifika tad-daqs tal-fatturat għall-kummerċ distributtiv
L-ewwel sena ta' referenza	2008
Frekwenza	Annwali
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Taqsima G
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 2 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 11 11 0 Numru ta' intrapriżi Karatteristiċi tal-paragrafu 3 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 12 11 0 Fatturat 12 15 0 Valur miżjud fl-ispiża tal-fattur 16 11 0 Numru ta' persuni impjegati
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev. 2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev. 2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)
Livell ta' analiżi tal-klassifika tad-daqs	Fatturat annwali f'EUR miljuni: 0 sa inqas minn 1, 1 sa inqas minn 2, 2 sa inqas minn 5, 5 sa inqas minn 10, 10 sa inqas minn 20, 20 sa inqas minn 50, 50 sa inqas minn 200, 200 u aktar, total

Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar l-analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut u għat-tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi elenkati fil-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3E

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut u għat-tiswija ta' vetturi bil-muturi u muturi
L-ewwel sena ta' referenza	2010
Frekwenza	Kull 5 snin
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Diviżjoni 45
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 18 21 0 Analiżi tal-fatturat skond il-prodott (skond it-Taqsima G tas-CPA)
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev. 2, livell b'4 numri (Klassi) NACE Rev. 2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev. 2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)
Livell ta' analiżi ta' prodotti	CPA 2008 45.11.1 Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' karozzi u vetturi żgħar bil-mutur 45.11.2 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' ħwienet speċjalizzati ta' karozzi u vetturi żgħar bil-mutur 45.11.3 Negozju bl-imnut ieħor ta' karozzi u vetturi żgħar bil-mutur 45.11.4 Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt tal-karozzi u tal-vetturi żgħar bil-mutur 45.19.1 Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' vetturi bil-mutur oħrajn 45.19.2 Servizzi ta' negozju bl-imnut minn ħwienet speċjalizzati ta' vetturi bil-mutur oħrajn 45.19.3 Negozju bl-imnut ieħor ta' vetturi bil-mutur oħrajn 45.19.4 Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew fuq ta' kuntratt ta' vetturi bil-mutur oħrajn 45.31.1 Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' partijiet u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur 45.31.2 Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' partijiet u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur 45.32.1 Servizzi ta' negozju bl-imnut minn ħwienet speċjalizzati ta' partijiet u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur 45.32.2 Negozju bl-imnut ieħor ta' partijiet u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur 45.40.1 Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' muturi u partijiet u aċċessorji relatati 45.40.2 Servizzi ta' negozju bl-imnut minn ħwienet speċjalizzati ta' muturi u partijiet u aċċessorji relatati 45.40.3 Servizzi ta' negozju bl-imnut oħrajn ta' muturi u partijiet u aċċessorji relatati 45.40.4 Servizzi ta' negozju bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' muturi u partijiet u aċċessorji relatati

	46	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi
	47	Servizzi ta' negozju bl-imnut, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi
	47.00.1	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' frott, ħaxix, laħam, ħut, prodotti tal-forn u tal-ħalib u bajd
	47.00.2	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti ta' l-ikel oħrajn, xorb u tabakk
	TOTAL	It-total għall-attivitajiet kummerċjali u għall-attivitajiet intermedji

Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar l-analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-ingrossa elenkati fil-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3F

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-ingrossa	
L-ewwel sena ta' referenza	2008	
Frekwenza	Kull 5 snin	
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Diviżjoni 46	
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 18 21 0 Analiżi tal-fatturat skond il-prodott (skond it-Taqsima G tas-CPA)	
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev. 2, livell b'4 numri (Klassi) NACE Rev. 2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev. 2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)	
Livell ta' analiżi ta' prodotti	CPA 2008	
	45A	Negozju bl-ingrossa u bl-imnut u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi għajr 452 (Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur) u 454 (Servizzi ta' negozju, manutenzjoni u tiswija ta' muturi u partijiet u aċċessorji relatati)
	46.11	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' materja prima agrikola, annimali ħajjin, materja prima tessili u oġġetti nofshom irfinuti
	46.12	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' fjuwils, minerali, metalli u kimiċi industrijali
	46.13	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' injam ippreparat u materjali għall-bini
	46.14	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' makkinarju, tagħmir industrijali, bastimenti u inġenji ta' l-ajru
	46.15	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' għamara, oġġetti għad-dar, ħardwer u ferramenta
	46.16	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' tessuti, ħwejjeġ, fer, xedd tas-saqajn u oġġetti tal-ġilda
	46.17	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' ikel, xorb u tabakk
	46.18	Bejgħ bl-ingrossa fuq bażi ta' tariffa jew ta' kuntratt ta' prodotti partikolari oħrajn
	46.21	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' qmugħ, tabakk mhux maħdum, żrieragħ u għalf ta' l-annimali
	46.22	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' fjuri u pjanti
	46.23	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' annimali ħajjin
	46.24	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' ġlud
	46.31	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' frott u ħaxix
	46.32	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' laħam u prodotti tal-laħam
	46.33	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' prodotti tal-ħalib, bajd u żjut u xaħmijiet ta' l-ikel
	46.34	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' xorb
	46.35	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' prodotti tat-tabakk
	46.36	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' zokkor u ċikkulata u dolċerija
	46.37	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' kafè, te, kawkaw u ħwawar
	46.38	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' ikel ieħor, inklużi ħut, krustaċji u molluski
	46.41	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' tessuti
	46.42	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' ħwejjeġ u xedd tas-saqajn
	46.43	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' apparat tad-dar ta' l-elettriku
	46.44	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' kina u oġġetti tal-ħġieġ u materjal għat-tindif
	46.45	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' fwieħa u kożmetiċi
	46.46	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' oġġetti farmaċewtiċi
	46.47	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' għamara, twapet u tagħmir għad-dawl
	46.48	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' arloġġi ta' l-idejn u ġojjelli
	46.49	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' oġġetti oħra għad-dar

	46.51	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' kompjuters, tagħmir periferali tal-kompjuter u softwer
	46.52	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' tagħmir u partijiet elettroniċi u tat-telekomunikazzjoni
	46.61	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' makkinarju, tagħmir u provvisti agrikoli
	46.62	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' għodod tal-magni
	46.63	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' makkinarju tal-minjieri, tal-kostruzzjoni u ta' l-inġineriji ċivili
	46.64	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' makkinarju għall-industrija tat-tessuti u magni tal-ħjata u li jaħdmu s-suf
	46.65	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' għamara għall-uffiċċji
	46.66	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' makkinarju u tagħmir ieħor għall-uffiċċji
	46.69	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' makkinarju u tagħmir ieħor
	46.71	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' fjuwils solidi, likwidi u gassużi u prodotti relatati
	46.72	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' metalli u minerali metalliċi
	46.73	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' injam, materjali għall-kostruzzjoni u tagħmir sanitarju
	46.74	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' ħardwer u tagħmir u provvisti għall-plaming u għat-tisħin
	46.75	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' prodotti kimiċi
	46.76	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' prodotti intermedji oħra
	46.77	Servizzi ta' negozju bl-ingrossa ta' skart u ruttam
	47	Servizzi ta' negozju bl-imnut, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi
	47.00.1	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' frott, ħaxix, laħam, ħut, prodotti tal-forn u tal-ħalib u bajd
	47.00.2	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti ta' l-ikel, xorb u tabakk oħra
	TOTAL	It-total għall-attivitajiet kummerċjali u intermedji

Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi dwar analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju ta' l-imnut elenkati fil-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3G

Isem is-serje	Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi – Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' prodott għan-negozju bl-imnut
L-ewwel sena ta' referenza	2012
Frekwenza	Kull 5 snin
Kopertura ta' l-attivitajiet	NACE Rev.2 Diviżjoni 47
Karatteristiċi	Karatteristika tal-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III 18 21 0 Analiżi tal-fatturat skond il-prodott (skond it-Taqsima G tas-CPA)
Livell ta' analiżi ta' l-attività	NACE Rev. 2, livell b'4 numri (Klassi) NACE Rev. 2 livell bi 3 numri (Gruppi) NACE Rev. 2 livell b'2 numri (Diviżjonijiet) NACE Rev. 2 livell b'numru 1 (Taqsima)
Livell ta' analiżi ta' prodotti	CPA 2008 45A Negozju bl-ingrossa u bl-imnut u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi għajr 452 (Servizzi ta' manutenzjoni u tiswija ta' vetturi bil-mutur) u 454 (Servizzi ta' negozju, manutenzjoni u tiswija ta' muturi u partijiet u aċċessorji relatati) 45.3 Servizzi ta' negozju ta' partijiet u aċċessorji ta' vetturi bil-mutur 46 Servizzi ta' negozju bl-ingrossa, għajr ta' vetturi bil-mutur u muturi 47.001 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' frott, ħaxix, laħam, ħut, prodotti tal-forn u tal-ħalib, u bajd 47.00.11 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' frott u ħaxix friski 47.00.12 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' frott u ħaxix ipproċessati 47.00.13 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' laħam 47.00.14 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti tal-laħam 47.00.15 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' ħut, krustaċji u molluski 47.00.16 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti tal-forn 47.00.17 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti tad-dolċerija 47.00.18 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti tal-ħalib 47.00.19 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' bajd 47.00.2 Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti ta' l-ikel, xorb u tabakk oħrajn

47.00.25	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' xorb alkoħoliku
47.00.26	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' xorb ieħor
47.00.27	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' prodotti tat-tabakk
47.00.3	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' tagħmir ta' l-informatika u tal-komunikazzjoni
47.00.4	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' materjali tal-kostruzzjoni u ħardwer
47.00.5	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' oġġetti għad-dar
47.00.51	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' tessuti
47.00.54	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' apparat tad-dar ta' l-elettriku
47.00.6	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' oġġetti kulturali u rikreattivi
47.00.7	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' ħwejjeġ, oġġetti farmaċewtiċi u mediċi, oġġetti tat-twaletta, fjuri, pjanti, animali domestiċi, u ikel għall-annimali domestiċi
47.00.71	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' ħwejjeġ
47.00.72	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' xedd għas-saqajn
47.00.73	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' oġġetti tal-ġilda u aċċessorji ta' l-ivvjaġġar
47.00.74	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' oġġetti farmaċewtiċi
47.00.75	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' oġġetti mediċi u ortopediċi
47.00.76	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' kożmetiċi u oġġetti tat-twaletta
47.00.8	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' fjuwil għall-karozzi u oġġetti oħra ġodda m.i.p.i.
47.00.81	Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' fjuwil għall-karozzi
Rimarka:	il-prodotti ta' 47.00.9 (Servizzi ta' negozju bl-imnut ta' oġġetti użati) jeħtieġ li jiġu suddiviżi bl-istess mod bħall-prodotti "il-ġodda" (47.00.1-47.00.8))
TOTAL:	It-total għall-attivitajiet kummerċjali u intermedji

Statistiċi multiannwali ta' l-intrapriżi Analiżi tal-fatturat skond it-tip ta' attività għan-negozju bl-ingrossa u bl-imnut u għat-tiswija ta' vetturi bil-mutur u muturi elenkati fil-paragrafu 4 tat-Taqsima 4 ta' l-Anness III għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008 dwar l-istatistiċi strutturali tal-kummerċ.

Serje 3H

